# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU 1964

KAZ Nru 1694

Fit-Tilwima Tax-Xoghol
bejn
M.U.B.E.
u
APS Bank Ltd.
Dwar gharfien tas-Sur Paul Borg bhala manager ma APS Bank Ltd.

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).
Membri : Is-Sur Charles Magro u S-Sur Michael J. Mallia.

Dan il-kaz gie referit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Dr Louis Galea agent Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 19 ta' Awissu, 2002 b'riferenza MSP/2/97/62-869/02 skond il-provedimenti tal-Artiklu 27 ta' l-Att Dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266) tal-Ligijiet ta' Malta u provedimenti l-ohrajn fejn japplikaw ta' l-istess Att.

Il-Malta Union of Bank Employees kienet raprezentanta mis-sinjuri W.Portelli, P.Camilleri u P.Bugeja li kienu assistiti minn Dr Karmenu Mifsud Bonnici. Ghas-Socjeta APS Bank deheru s-sinjuri E. Cachia u S. Micallef assistiti mill-Avukat Richard Camilleri.

Fl'istqarrija tal-Kaz il-MUBE qalet, li hija tirraprezenta lis-Sur Paul Borg li huwa impjegat fil-grad ta' Senior Manager mal-APS Bank Ltd. u liema haddiem kien gie impjegat mal-Bank b'kuntratt datat 17 ta' April 1995. Hija tkompli tghid fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li mis-sena 1996 il-Bank intimat zied lill-impjegati l-ohra fil-grad ta' Paul Borg u irrifjuta li dawn iz-ziediet jghatihom lilu, kif ukoll li irrifjuta li jhatih il-qualificaiton allowance skond il-Ftehim Kollettiv.

Fl'istqarrija tal-Kaz l'MUBE tkompli tghid, li ghalhekk qed titlob biex is-Sur Paul Borg jigi moghti :

a) l-allowance maghrufa bhala MIMIS ghall-kwalifiki li huwa ghandhu;
b) iz-zidiet u l-arretrati moghtija mill-Bank lill-impjegati l-ohra fil-grad manigerjali kull sena.

Il-Union tghalaq l'istqarrija taghha, billi tghid li l-Bank wera diskriminazzjoni ma Paul Borg f'din it-tilwima, u ma osservax il-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv tal-impjegati tal-Bank, u ghalhekk l-Union qed titlob li t-Tribunal Industrijali jaqta' din it-Tilwima billi jiddeciedi favur is-sottomissjonijiet taghha.

Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li fl-ewwel lok dawn il-proceduri huma nulli ghaliex l-ismijiet tal-partijiet li huma indikati fl-avviz tat-Tribunal Industrijali tas-17 ta' Settembru 2002, huma zbaljati fis-sens li l-isem tal-Bank huwa APS Bank

Ltd u mhux kif indikati fl-imsemmi avviz u inoltre ma jezistu ebda terms of remit la fl-imsemmi avviz kif ukoll fl-ittra tal-Union tad-9 ta' Awissu 2002 anness mal-istess avviz. Is-Socjeta tkompli tghid fl'istqarrija tal-kaz taghha, li it-Tribunal Industrijali m'ghandux jiehu konjizzjoni tal-kaz ghaliex ma tezisti l-ebda tilwima bejn il-Bank u il-Union "dwar gharfien tas-Sur Borg bhala manager mal-bank kif indikat fl'imsemmi avviz tat-Tribunal Industrijali tas-17 ta' Settembru 2002, u zgur ma ttiehdu l-ebda passi mill-Ministru responsabbli skond l-artiklu 22 tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghaldaqstant, il-Ministru qatt ma seta' jirreferi dan il-kaz lit-Tribunal Industrijali skond l-Artiklu 27 tal-istess Kap 266. Is-Socjeta tkompli tghid, illi fit-tielet lok il-grievance tas-Sur Borg dwar zieda fis-salarju tieghu kif jidher mill-ittra tad-9 ta' Awissu 2002, ma hemm l-ebda tilwima f'dan ir-rigward u ghaldaqstant il-Ministru qatt ma seta' jirreferi dan il-Kaz lit-Tribunal Industrijali skond l-artiklu 27 tal-istess Kap.266 u anke jekk ghal grazzja tal-argument tezisti xi Tilwima , it-Tribunal Industriujali fi kwalunkwe kaz ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-Kaz ghaliex din il-materja kienet u ghadha qed tigi ittratta mill-"Grievance Board" imwaqqaf skond il-Ftehiem Kollettiv. Is-Socjeta tkompli tghid, li kuntrarju ghal dak li qed jigi allegat fl-ittra tal-Union tad-9 ta' Awissu il-Grievance Board ppresjedut mill-Magistrat Micallef Trigona ma giex disbanded izda rrezenja l-membru mahtur mill-Union. Is-Socjeta tkompli tghid, li l-membru mahtur mill-Union effetivament irrezenja ghar-ragunijiet assolutament differenti minn dawk imsemmija fl-ittra tal-Union. Il-Kumpanija tkompli tghid, li sa llum ic-Chairman tal-Grievance Board u il-Bank ghadhom qed jistennew li l-Union tinnomina persuna ohra bhala membru tal-Grievance Board minflok il-persuna li irrzenjat.

Fid-Decizjoni tieghu datata 15 ta' April 2003, it-Tribunal Industrijali ddecieda li jichad l-eccezzjoni tas-Socjeta u jkompli jisma' il-Kaz inkwestjoni.

Mill-provi jirrizulta li l-impjegat is-Sur Paul Borg li dwahru inholqot din it-Tilwima ta' Xoghol bejn il-Union u is-Socjeta kien gie impjegat mal-Bank b'sehh mill-1 ta'

Mejju 1995 fil-grad ta' Senior Manger-Information Technology u kien jirraporta direttament lejn Chief Executive jew fl'assenza tieghu lejn il-General Manager responsabbli mill-finanazi. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-Kuntratt tax-xoghol bejn is-Sur Borg u l-Bank li sar f'April 1995, u bl'liema kuntratt gie ingaggat is-Sur Borg mal-Bank, klawsola 12 ta' l'istess kuntratt tghid " Both parties make reference to the current Collective Agreement between the Bank and the Movement of United Bank Employees- which the Employee agrees to have read-and bind themselves to observe those conditions of the Agreement-or any subsequent one-not covered by these presents."

Mill-provi jirrizulta wkoll, li fil-bidu tas-sena 1996 hafna mill-managers tal-bank kienu dahlu membri tal-MUBE izda l-Union ma gietx moghtija rikonoxximent wara li hafna minn dawn il-managers regghu hargu mill-Union. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-bank kien ittermina l-impieg tas-Sur Borg fil-21 ta' Ottubru 1996 u ir-raguni li kienet giet moghtija kienet li l-grad tieghu kien gie abolit u il-pozizzjoni li kellu kienet giet taht ir-responsabilitajiet tas-CEO. B'rizultat ta' dan inqalet Tilwima ta' Xoghol bejn il-Bank u l-Union liema Tilwima giet rizolta meta intlahaq ftehim bejn il-Bank u l-Union li is-Sur Borg jerga jidhol ghax-xoghol b'effett mit-22 ta' Ottubru 1996.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li f'Lulju 1997 gie iffirmat Ftehim Kollettiv gdid bejn il-Bank u l-MUBE ghall-haddiema mhux manigerjali li kien juri zidiet strutturali fil-pagi tal-impjegati tal-Bank fil-gradi mhux manigerjali. Ma dan fl'istess Ftehim Kollettiv kien hemm indikat ukoll li il-kwalifika ta' l-MIMIS/MIDPM fil-lista ta' kwalifiki rikonoxxuti mill-Bank kellha tinghata Academic Qualifications and allowances ta' €1398 (LM 600) fis-sena. Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta skada dan il-Ftehim Kollettiv rega gie revedut b'sehh mill-1 ta' Jannar 1999 sal- 31 ta' Dicembru 2001 fejn gew mizjuda il-pagi tal-haddiema mhux manigerjali. Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul dan iz-zmien minkejja li l-managers ma kienux imsemmija

fil-Ftehim Kollettiv pero saret riorganizazzjoni fil-gradi manigerjali u kien hemm diversi managers li gew moghtija zidiet. Mill-provi jirrizulta wkoll, li is-Sur Borg kien gie eskluz minn dawn iz-zidiet u ghalhekk kien ghamel talba biex jigi kkunsidrat li jinghata kemm zidiet fis-salarju kif ukoll li jigi moghti l'qualification allowance ta' MIMIS/MIDPM liema talba giet michuda mill-mangament tal-Bank. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-Bank jghid li fir-riorganizzazzjoni li kien ghamel ma kienx ikkunsidra lis-Sur Borg ghal zidiet fis-salarju peress li hu diga kellu salarju ferm ghola inkluz aktar minn dak tal-General Manager tal-Bank. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-gradi manigerjali bdew jigu koperti minn ftehim bejn l-MUBE u l-Bank permezz ta' Ftehim datat 31 ta' Dicembru 2001 u retroattiv mill-1 ta' Jannar 2001 u dan il-Ftehim sar bl'ghan li jghamel it-triq ghall-Ftehim Kollettiv formali li jkopri l-gradi manigerjali tal-Bank liema Ftehim eventwalment irrizulta fi Ftehim Kollettiv li kien ikopri is-snin 2002-2004

It-Tribunal Industrijali f'dawn it-trattazzjonijiet tieghu jezamina diversi provi imressqa quddiemu u l-ewwel aspetti li jikkunsidra huwa il-kuntratt ta' impieg li sar bejn is-Sur Borg u l-Bank, liema kuntratt sar b'sehh mill 1 ta' Mejju 1995. It-Tribunal Industrijali ezamina l-Ftehim Kollettiv li sar bejn il-MUBE u l-Bank dwar il-haddiema mhux manigerjali liema kuntratt kien b'sehh 1 ta' Jannar 1996. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra li dan il-Ftehim Kollettiv ma jkoprix il-gradi manigerjali u b'perkonsegwenza ma jkoprix il-grad tas-Sur Borg. Pero f'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-kuntratt ta' l-impieg tas-Sur Borg mal-APS Bank klawsola 12 ta' l'istess kuntratt tghid car li l-partijiet qed jghamlu riferenza ghal Ftehim Kollettiv bejn il-Bank u Movement of United Bank Employees ghal gradi mhux manigerjali. Din il-klawsola tal-kuntratt ta' l-impieg tghid li l-impjegat qed jaqbel li qara dan il-Ftehim, kif ukoll li l-partijiet qed jaqblu li osservaw l-kundizzjonijiet ta' l'istess Ftehim u ohrajn li m'humiex koperti b'dak prezenti. It-Tribunal Industrijali ezamina il-Ftehim Kollettiv citat hawn fuq b'mod partikulari l-kategoriji tal-haddiema f'Appendici C fejn minn dan jirrizulta li fl'ebda stadju ma ssir riferenza ghal gradi manigerjali u paga/salarji jew

zieda elenkata maghha. Ma dan it-Tribunal Industrijali ezamina wkoll klawsola 34 ACADEMIC QUALIFICATIONS AND ALLOWANCES fejn relatata maghha hemm appecdici B li tikkwalifika is-somma ta' €1398 (LM 600) fis-sena ghal certi kwalifiki li tinkludi M.I.M.I.S.

It-Tribunal Industrijali kkunsidra wkoll iz-ziedet li gew moghtija lill-gradi manigerjali matul dan il-perjodu li ma kienux koperti fi Ftehim Kollettiv u kkunsidra wkoll l-argument tal-bank li din saret sabiex tohloq certa ekwita fis-salarji, specjalment fid-dawl li is-Sur Borg kellu salarju aktar mill-General Manager tal-Bank.

F'dawn it-trattazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra dawn l-aspetti kollha tal-Kaz inkwestjoni u l-ewwel ma jikkunsidra l-aspett li z-zidiet li hemm fil-Ftehim Kollettiv bejn il-Bank u l-MUBE ghal gradi mhux manigerjali. Dwar dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni li peress li l-kategorija tal-pagi/salarji ma tinkludix il-grad ta' manager u ma tispecifikax is-salarju u zidiet dan l-aspett juri li dan ma jkopri l-ebda zieda ghall-gradi manigerjali u ghaldaqstant is-Sur Borg m'ghandux ikun intitolat ghal dawn iz-zidiet. It-tieni aspett li t-Tribunal Industrijali jittratta hija ir-riorganizazzjoni mill-Bank ghal gradi manigerjali. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehema, li peress li l-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-gadi manigerjali kienu governati minn kuntratti tax-xoghol individwali bejn il-Bank u l-mangers individwali, kif ukoll l-ghan taz-zidiet li inghataw kienu b'rizultat ta' riorganizazzjoni, il-Bank ma kellu l-ebda obligu li jghati xi zidiet lis-Sur Borg. It-tielet aspett li jittratta it-Tribunal Industrijali huwa l-aspett tal-qualifications allowance li tammonta ghal € 1398 (LM 600) fis-sena ghal kwlaifkika ta' M.I.M.S. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma li peress li l-kuntratt tax-xoghol tas-Sur Borg klawsola 12 tghid li l-partijiet ghandhom josservaw il-Ftehim Kollettiv bejn il-Bank u l-MUBE dan jimplika li is-Sur Borg minkejja li kien fi grad manigerjali ghandhu jikkwalifika ghal din l-allowance.

Wara li it-Tribunal Industrijali ra u kkunsdra l-istatements of case tal-partijiet, ix-xhieda prodotta u t-trattazzjonijiet finali tal-partijiet, it-Tribuanl Industrijali jiddeciedi li is-Sur Borg ikun intitolat ghall €1398 (LM600) allowance fis-sena ghall perjodu bejn 1996 sa 2000 jigifieiri ghas-somma ta' € 6988 (LM 3000) u mill-1 ta' Jannar 2001 sakemm irtiera jikkwalifika ghall-istess allowance jekk ikun il-kaz skond il-Ftehim Kollettiv li kien sar bejn MUBE u APS Bank li kien ikopri l-gradi manigerjali. Dan il-hlas ghandu jsir lis-Sur Borg mill-Bank APS Limited fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni

B'hekk tintemm din it-Tilwima ta' xoghol.

Harold Walls Chairman

Charles Magro Membru

Michael J. Mallia Membru

Vera kopja

Rose Galea Segretarju

Data : 6th October 2009